# Dun Karm
u l-Maġija tal-Poeżija




Adrian Grima
Dipartiment tal-Malti, L-Università ta' Malta

# Qabelxejn

- Din hija taħdita għall-għalliema.
- Fassaltha bil-ħsieb li nitkellem magħkom, kollegi li tgħallmu l-letteratura Maltija fl-iskejjel sekondarji.
- Mhijiex taħdita dwar x'għandkom tgħallmu u kif għandkom tgħallmu lil Dun Karm.

# Qabelxejn

- Se naqsam magħkom il-ħsibijiet tiegħi fuq Dun Karm bħala mgħallem kbir tal-arti tal-kelma,
- fuq il-poeżiji tiegħu li jinsabu fis-sillabu taċ-ĊES,
- u fuq il-poeżija b'mod ġenerali.

# Qabelxejn

- ➔ Nistqarr minnufih li ma kelli xejn x'naqsam la mat-tfassil ta' dan is-sillabu u lanqas mal-għażla tat-testi letterarji.
- ➔ Qabel ma nibda nixtieq ngħidilkom grazzi kbira tal-ħidma tagħkom biex tgħinu

# Qabelxejn

- lill-istudenti japprezzaw l-arti tal-kelma,
- tqanqlu fihom l-imħabba għaliha,
- u tagħtuhom ħjiel ta’ x’jistgħu jagħmlu bil-kelma huma wkoll biex, bħal Dun Karm u awturi oħrajn, jesprimu lilhom infushom u b’xi mod jagħtu sura lill-ħajja tagħhom u d-dinja ta’ madwarhom.




# Dun Karm u Xogħlijietu

Għal min qed jara l-filmat irrekordjat, ngħidilkom li kien id-Dipartiment tal-Malti fl-iskejjel tal-Knisja li stedinni biex nagħmel din it-taħdita l-Ħamis 28 ta' Ottubru 2021.

# Ritratt

- l-ambigwità ta’ dan il-bniedem
- sever u bla saħħa
- kunfidenti u dgħajjef
- kburi u malinkoniku
- konvint, jistaqsi u jfittex
- jemmen u jiddubita



# Tpinġija*

- rappreżentazzjoni tal-ħsieb intens
- tad-dinamiċità mentali u intellettwali, il-metropoli tal-moħħ
- tal-fraġilità, tan-nevrożi
- tal-intensità tal-mument tal-poeżija, tal-ġenju

*xogħol ta’ Luciano Micallef



# Riflessjonijiet

- Dawn se jkunu riflessjonijiet ġenerali dwar id-dinja poetika li jsawwar Dun Karm f'dawn il-poeżiji, dinja alternattiva għad-dinja reali imma mnebbħa għalkollox minnha.



- L-umanità fraġli ta’ Dun Karm il-bniedem.
- Suġġerimenti dwar il-ħila espressiva tiegħu li l-istudenti jistgħu jissellfu mingħandu biex jesprimu ruħhom.
- Ħarsa partikulari lejn xi metafori.
- Kummenti dwar il-karatteristiċi stilistiċi li jispikkaw f'xi poeżiji.



# Parentesi Bijografika

- F'din l-għażla ta' poeżiji taċ-ĊES tinħass sew il-preżenza tar-rivista *Il-Ħabib* (1912-1928) li xprunat lil Dun Karm biex jikteb il-poeżiji bil-Malti.
- Oliver Friggieri jitkellem fuqha fil-ktieb *Dun Karm: Il-Bniedem fil-Poeta* (KKM 1980).



# Parentesi Bijografika

- L-ewwel poeżija ta’ Dun Karm, “Quddiem Xbieha tal-Madonna” (11.1.1912) dehret fl-ewwel ħarġa (1.2.1912), “*Il-Ħabib* kien l-aqwa għodda għall-poeta biex ixandar il-versi tiegħu ftit wara li jkun kitibhom.



# Parentesi Bijografika

- Il-"ġurnal," imxandar mid-dar tal-Unione Cattolica San Giuseppe, "għaqqad bosta awturi u ġurnalisti flimkien bil-għan li l-Malti jixtered bħala lsien miktub tajjeb u biex fl-istess ħin tingħata kitba siewja lill-kotra" (Friggieri, *Dun Karm: Il-Bniedem* 46-47).



# **L-Arloġġ** (1914)

*Il-Ħabib* (3/2/1914)

# L-Arloġġ

- L-użu tal-**apostrofi**: il-poeta jindirizza lill-arloġġ, qisu qed ikellem bniedem.
- Permezz tal-oġġett tal-arloġġ, il-ħin u ż-żmien isiru konkreti.
- Aħna nafu li l-bnedmin ma jistgħux ikellmu lill-arloġġi, imma lanqas ma jistgħu jkellmu lill-ħajja jew lill-mewt.
- Fl-aħħar mill-aħħar din hija wkoll strateġija biex il-bnedmin ikellmu lilhom infushom, jew lill-qarrejja tagħhom.

# L-Arloġġ

- Aħna l-bnedmin m'għandna saħħa ta' xejn fuq iż-żmien. M'għandna ebda poter fuqu.
- Imma jekk nitkellmu fuqu, jekk nippruvaw naħfnuh bil-kliem u bil-loġika tagħna, almenu nistgħu nħossu li għandna ftit kontroll fuqu, li għandna għarfien tiegħu (u tal-limiti tagħna).

# L-Arloġġ

- Ladarba l-poeta kapaċi jkellem lill-arloġġ, dak li jagħti ordni lill-ħin, għandu ċerta "ħakma" fuqu,
- u kapaċi jkellem lill-ħin, u liż-żmien, dak li jaħkem lilna.
- Din preokkupazzjoni kontinwa f'Dun Karm, kif naraw f' "Żagħżugħ ta' Dejjem."

# Il-ħakma taż-żmien fuq il-bnedmin

- Il-ħakma taż-żmien fuq il-bnedmin hija preokkupazzjoni kbira u kontinwa f'Dun Karm. Naħseb li hija waħda mit-temi li jispikkaw f'din l-għażla ta' poeżiji,
- speċjalment f'"Żagħżugħ ta' Dejjem."
- Il-ħakma taż-żmien: fis-sens li l-bnedmin individwali qajla għandhom kontroll fuq dak li ġġegħelhom iħabbtu wiċċhom miegħu l-ħajja hi u għaddejja.

# l-għażla mhux innoċenti tal-kliem

Turini l-ħin t'issa

Bi **vleġġa** milqut,

U l-ħabar iddoqqli

Kull siegħa li **tmut**.

- il-ħin t'issa milqut bi **vleġġa**
- kull siegħa li **tmut**
- **il-ħin milqut** u miġruħ u **s-siegħa tmut** huma tagħna l-bnedmin, vittmi bla saħħa tal-mewġ ma jiqafx tal-ħin (u ż-żmien)

# It-tokk, il-waqt

Imqiegħed bħal **għassa**

Fit-**tokk** minn tad-dar

- **it-tokk**: il-ħoss qalil tal-ħin għaddej li donnu jistabbilixxi jew jiskandixxi (jimmarka) l-waqt,
- imma nafu li din hija **illużjoni tal-lingwa li tagħti ordni** lill-mixja li ma tieqaf qatt taż-żmien

# it-tokk, il-post

Imqiegħed bħal **għassa**
Fit-**tokk** minn tad-dar

- **l-arloġġ** Dun Karm ixebbhu ma' **għassa**, bħallikieku qed **jissorvelja** l-bnedmin
- **it-tokk**: *p.est.* **l-aqwa post** jew **l-aqwa waqt** li fih ikun il-bniedem, jew fejn tkun qed issir xi ħaġa; il-qofol, **il-qalba**. (ESI)

# L-Arloġġ għassa

Imqiegħed bħal **għassa**
Fit-**tokk** minn tad-dar

- għassa, għax **il-bnedmin** vulnerabbli, **esposti** għall-mewġ, **għall-kefrijiet tal-ħajja** (taż-żmien),
- iridu min javżahom, min iħarishom, min iżomm il-ħarsa tiegħu fuqhom

# Il-ħeffa tal-Arloġġ

- -/--/- pamm **pamm** pamm pamm **pamm** pamm (arloġġ...)
- L-għażla tal-vers tas-sitta, is-senarju, biex tinkiteb poeżija dwar l-arloġġ, tista' tinstema' loġika,
- għax il-vers huwa ħafif u mexxej daqs it-tokki mħarrka tal-arloġġ.
- Iżda l-ħlewwa u l-ħeffa tas-senarju hawnhekk iqarrqu bik:

# Il-ħeffa tal-Arloġġ | it-tgerbiba tal-bnedmin

- minkejja s-serħan tal-moħħ tal-ħajja ta' dejjem tal-Insara li jitfaċċa fit-tmiem, fl-aħħar strofa,
- din poeżija dwar id-dgħufija tal-bnedmin, li jafu li meta jgħaddi l-ħin, meta jgħaddi ż-żmien,
- ma jarġa' "qatt lura,"
- u ma jħenn għal ħadd.

# Nistħajlek trid tgħidli

U l-ħajja tal-bniedem
Sew hena, sew hemm,
Bħal xemgħa li tixgħel
Iddub u tintemm.

- similitudni: il-ħajja tal-bniedem **bħal xemgħa** li tixgħel, iddub u tintemm.
- wara s-smigħ tat-tokki, issa s-sens tal-ħars, tal-vista

# L-anafora tal-Arloġġ, jew effett simili

- L-anafora hija bħall-pendlu tal-arloġġ
- “La Lejl u la nhar”
- “La tgħaġġel fin-niket, / La tieqaf fil-ferħ”
- “Jekk frugħa li tlellex, / Jekk dmugħ fil-għajnejn”
- “Sew hena, sew hemm”
- “Billejl torqod magħna / Binhar magħna tqum.”

# **Il-Qalb tal-Bniedem** (1912)

*Il-Ħabib* (19.11.1912)

Nota: Ir-rivista *Il-Ħabib* damet toħroġ mill-1912 sal-1928

# Kull bniedem u bniedma

- l-apostrofi, il-poeta li qed ikellem lill-qalb, li aħna nistħajlu li hija l-lok u l-mutur tal-emozzjonijiet tagħna:
- almenu bil-kunċett tal-qalb għandu punt ta' riferiment, oġġett li jista' jkellmu jew jitkellem fuqu
- Dun Karm qed jindirizza lil kull qalb, lil kull bniedem, lil kull bniedma,
- imma ma ninsewx li qed ikellem lilu nnifsu wkoll.

# Il-Qalb tal-Bniedem

Waħda mill-iktar strofi li laqtuni hija din:

> Tħobb il-ħajja; u b'danakollu
> Fil-mewt biss donnok tistrieħ;
> Biss fil-kesħa minn tal-qabar
> Jehda l-għali, imut l-uġigħ.

# Ir-ritmu bla nifs tal-qalb

- Fir-ritmu bla nifs tal-vers tat-tmienja, l-ottonarju,
- hemm ir-ritmu bla nifs tal-ġrajjiet tal-ħajja,
- tal-emozzjonijiet li l-ħin kollu ġejjin
- u l-ħin kollu rridu naraw kif se niffaċċjawhom, kif se nlaħħqu magħhom.
- Ironikament, din it-taqbida kontinwa, din il-kedda kontinwa biex inkampaw nistrieħu minnha biss meta mmutu.

# Ir-ritmu bla nifs tal-qalb

- Għax il-ħajja, min-natura tagħha stess, hija nuqqas ta’ mistrieħ, ansjetà kontinwa.
- Serħan sħiħ qatt ma jasal għax il-ħajja ma tħallihx.
- Ir-ripetittività li tittrażmetti l-anafora fil-vers “Dejjem tħabbat, dejjem tfittex” tagħti kważi s-sens ta’ ossessjoni:
- il-bnedmin ossessjonati bix-xewqat tagħhom, imma qatt ma jistgħu jaqtgħuhom.

# Ir-ritmu bla nifs tax-xewqat

- “Il-ġibdiet” li jissemmew fil-bidu tal-poeżija jibqgħu jinkwetaw lill-poeta.
- Jinkwetaw lilna wkoll għax aħna bnedmin bħalu.
- Il-poeta jinħass jitqabad magħhom matul il-poeżija kollha.
- Donnu qed jitkellem l-aktar fuq **ix-xewqa għall-imħabba** li meta jikber qatt ma jaqtagħha.

# **Il-Għodwa** (1914)

*Il-Ħabib* (20/1/1914)

# Il-Għodwa

- Din il-poeżija ċelebrattiva għandha mill-innijiet,
- Hija **ċelebrazzjoni** tal-**għodwa** u speċjalment tax-**xemx**, ċelebrazzjoni tal-**ħajja** kollha kemm hi, tal-**bżulija** tal-bnedmin.
- Kulħadd għandu x-xogħol u l-post tiegħu, u f'dan il-kwadru ordnat, organizzat, m'hemmx diżorjentament, m'hemmx inkwiet u ħsibijiet żejda.

# Il-Għodwa

Hawnhekk jidher sew it-tħabrik, tidher sew il-bżulija:

> Tibda l-għanja tan-nissieġa,
> Tibda l-għajta tal-bejjiegħ;
> Mat-triqat in-nies tixtered,
> Jibda x-xogħ'l wara l-mistrieħ.

# Il-Għodwa

- Innu*: poeżija **lirika**, aktarx miktuba biex titkanta, li tesprimi t-**twemmin** u l-**emozzjoni mqanqla mit-twemmin** (jew minn xi argument ieħor, politiku, ideoloġiku).

*Minn Oliver Friggieri, *Dizzjunarju ta' Termini Letterarji*

# Il-Għodwa

- Aktar minn ġeneri letterarji oħra, l-innu miktub bil-Malti huwa marbut mill-qrib **mat-tradizzjoni tal-għana popolari**, minn fejn silet id-drawwa tal-**kwartina** bl-**ottonarji bir-rima** skont l-iskema **a-b-ċ-b**.

# Il-Għodwa

- Ix-xebh bejn il-versi tal-għana u l-versi tal-innijiet jidher ukoll fis-**sempliċità tal-ħsieb** u tal-**frażjoloġija**,
- fl-importanza mogħtija lill-**emozzjoni**,
- u fuq kollox fil-fatt li t-tnejn, bħala kompożizzjonijiet verbali, huma maħsuba biex jitkantaw.
- "Il-Għodwa" mhijiex innu imma għandha mill-innijiet.

# Il-Għodwa

- Hemm apostrofi wkoll (indirizz lix-xemx, bħal f'"Il-Għanja tar-Rebħa") f'din il-poeżija, fl-aħħar strofa.
- L-ewwel żewġ versi, biż-żewġ punti ta' esklamazzjoni, mill-ewwel jistabbilixxu t-ton ċelebrattiv: "Ix-xemx tielgħa! Liema ħeġġa, / Liema ferħ ma' kullimkien!"
- L-istess effett ta' ferħ u ċelebrazzjoni tittrażmettih din l-anafora bejn l-ewwel u t-tieni vers.

# Il-Għodwa

- Il-lessiku jikkonferma t-ton (u hawnhekk se nagħżel nomi biss): xemx, sultana, warda, **dija**, bewsa, siġar, għana, ferħ, għanja, mistrieħ, watar, hena.
- Għandna s-sens qawwi ta’ bidu mimli attività u ħeġġa, bħal fil-verbi “jibda,” “tibda,” “tibda,” “jibda,” “jmidd,” “tisma’,” “jarġa’ jieħu,” “tarġa’ fuqna.”

# Il-Għodwa

- Minbarra l-attività kontinwa hemm il-ħakma tad-dawl li "Rokna mdallma ma tħallix."
- Anki din il-poeżija tispiċċa bi **stqarrija dwar il-kobor t'Alla**.
- L-impressjoni li jagħtina dan it-tmiem huwa ta' **ordni**, ta' missier li **jissorvelja** kollox mill-għoli tas-sema u jara li kollox jinsab f'postu.

# **Il-Għanja tar-Rebħa** (1927)

*Tifkira tal-Assedju l-Kbir u tar-Rebħa tat-VIII ta' Settembru 1565*

# Tliet ġrajjiet storiċi

Oliver Friggieri jgħid li "l-ġrajjiet ewlenin li Dun Karm jixħet dawl qawwi fuqhom bħala dokumenti tan-**nazzjonalità qadima** tal-gżira huma l-miġja ta' San Pawl, l-Assedju l-Kbir tal-1565 u l-qawmien tal-Maltin kontra l-Franċiżi fit-2 ta' Settembru 1798" (*Dun Karm* 111-12).



# Il-Għanja tar-Rebħa

**Tifkira** tal-Assedju l-Kbir u tar-Rebħa tat-VIII ta' Settembru 1565

1927



DUN KARM

TIFKIRA

TA' L-ASSEDJU L-KBIR

U

TAR-REBĦA TAT-VIII TA' SETTEMBRU

1565

Erba' kelmiet lill-Maltin nhar id-9 ta' Settembru, 1927 megħudin, wara stedina tal-Kumitat tal-Festi għal din is-sena, quddiem il-Monument tal-Pjazza msemmija għal dik ir-Rebħa, fejn kienu jisimgħu Mons. Dom. Mawru Caruana O. S. B., Arċ'Isqof, Isqof ta' Malta, il-Prim Ministru Sir Gerald Strickland, Ministri u Rappresentanti tal-Poplu, u l-Poplu.

1927

*EMPIRE PRESS* – VALLETTA

# Poeżija waqt diskors uffiċjali

Erba' kelmiet lill-Maltin nhar id-9 ta' Settembru **1927** megħudin, wara stedina tal-Kumitat tal-Festi għal din is-sena, quddiem il-Monument tal-Pjazza msemmija għal dik ir-Rebħa, fejn kienu jisimgħu Mons. Dom. Mawru Caruana O.S.B., **Arċisqof**, Isqof ta' Malta, il-**Prim Ministru** Sir Gerald Strickland, **Ministri** u **Rappreżentanti tal-Poplu**, u l-**Poplu**

# L-ewwel innu Malti tar-Rebħa tiegħek


Edgar Cesareo M. D.
24/11/1927.

DUN KARM

TIFKIRA
TA' L-ASSEDJU L-KBIR
U
TAR-REBHA TAT-VIII TA' SETTEMBRU
1565

Erba' kelmiet lill-Maltin nhar id-9 ta' Settembru, 1927 meghudin, wara stedina tal-Kumitat tal-Festi ghal din is-sena, quddiem il Monument tal-Pjazza msemmija ghal dik ir-Rebha, fejn kienu jisimghu Mons. Dom. Mawru Caruana O. S. B., Arċ'Isqof, Isqof ta' Malta, il-Prim Ministru Sir Gerald Strickland, Ministri u Rappre-sentanti tal-Poplu, u l-Poplu.

1927
EMPIRE PRESS — VALLETTA

ROYAL UNIVERSITY OF MALTA MAIN LIBRARY

qawwija li toħroġ minn bejn il-paġni ta' l-Istorja tiegħek, bħal ma toħroġ il-ħlewwa ta' fwieħa li tgħaxxqek minn bejn il-weraq tal-warda li ġġib ismek. Insellimlek, u int ħallini fil-milja ta' qalbi ngħannilek l-ewwel innu malti tar-Rebħa tiegħek, li tnissel f'żgħuriti, kiber miegħi fis-snin tar-rġulija, u ħareġ mill-pinna tiegħi fis-snin ta' xjuħiti.

Iżda fi lsienek ngħannihielek l-għanja
li ġewwa qalbi jien sawwart għalik,
u niktibha bid-demm li tatni ommi
nixtieq, ja Malta, biex ħaqqek natik ;

# l-ewwel innu Malti tar-Rebħa tiegħek

- “. . . Insellimlek, u int ħallini fil-milja ta’ qalbi ngħannilek l-ewwel innu Malti tar-Rebħa tiegħek, li tnissel f’żgħuriti, kiber miegħi fis-snin tar-rġulija, u ħareġ mill-pinna tiegħi fis-snin ta’ xjuħiti.”
- Forsi għalhekk il-poeżija tibda bħallikieku f’nofs is-sentenza, bil-konġunzjoni “iżda.”

# Il-Għanja tar-Rebħa

- Malta hija mara.
- Il-poeta jsemmi lil ommu li tatu l-ilsien Malti, imma Malta hija omm ukoll, l-omm nazzjonali.
- il-ħolqien ta' **mitoloġija nazzjonali**:
- kull ħaġa li jgħid Dun Karm hija għażla tiegħu, parti minn storja u karattru nazzjonali li huma frott tal-**immaġinarju** li joħloq, mill-viżjoni partikulari tiegħu.

# Il-Għanja tar-Rebħa

- L-għażla u l-interpretazzjoni tal-Assedju tal-1565 hija parti mill-**glorifikazzjoni** ta' "ġrajja nazzjonali"
- Dun Karm jinqeda bil-mistoqsijiet retoriċi, l-iperbole, il-metafori u similitudnijiet stabbiliti tal-poeżija tiegħu u tar-Romantiċiżmu Malti b'mod ġenerali.

    qatt rajt ħaġa isbaħ minn Sant'Jiermu tagħna?
    qatt rajt iljuni eħrex mill-Maltin?

# Il-Għanja tar-Rebħa

- Il-**Malta** idealizzata ta’ Dun Karm hija **omm** (“fommok,” “sidrek,” “dirgħajk” “il-qalb ta’ wliedek”), il-**missier Alla**
- **familja patrijarkali** waħda (irġiel iljuni, nisa anġli),
- **Kattolika**, b’missjoni qaddisa (id-difiża tal-Ewropa Kattolika)
- titkellem bl-**ilsien Malti**, għax huwa l-ilsien tal-omm, tal-kultura tal-**kampanja**.

# Il-Għanja tar-Rebħa

- il-Malta idealizzata ta’ Dun Karm hija **qalbiena**,
- għandha **storja** (magħżula) **glorjuża**
- u **unika** (“qatt rebħa ma rajt isbaħ minn din”),
- b’**eroj individwali** magħruf (“Kavallier”) u anonimu (“l-aħħar wieħed”),
- u **eroj kollettivi** anonimi, il-kotra tal-Maltin.

# **Għaliex? Jedd il-Lsien Malti** (1939)

1939 - *Il-Għana ta' Dun Karm - X'Ħabb u x'Ħaseb il-Poeta*, I (1939)

# Għaliex? Jedd il-Lsien Malti

- Minkejja li fiha żewġ mistoqsijiet retoriċi importanti ħafna, li fuqhom bħallikieku tistrieħ is-sejħa mqanqla ta' Dun Karm, din il-poeżija hija iktar stqarrija milli mistoqsija, iktar dikjarazzjoni politika milli tiftixa.
- Fl-apostrofi ta' din il-poeżija, il-poeta jindirizza lill-int, il-bniedem "Malti," il-Maltin li jiċħdu l-ilsien Malti.

# Għaliex? Jedd il-Lsien Malti

- F'din l-apostrofi hemm ton ta' akkuża għax Dun Karm iqis lil dawk li warrbu l-Malti bħala tradituri, kelma li ma jużax imma jimplikaha.
- L-importanza tas-suġġett għall-poeta tidher fost l-oħrajn fl-għażla tal-vers tal-ħdax, l-endekasillabu.
- Din hija l-iktar poeżija minn fost dawn id-disgħa li hi marbuta b'mod intimu mal-mument storiku li fih inkitbet.

# Għaliex? Jedd il-Lsien Malti

- Waqt li l-preġudizzji kontra l-ilsien Malti għadhom b'saħħithom ħafna, għal ħafna tfal illum il-Malti mhuwiex l-ewwel lingwa.
- Fl-istess ħin id-dinamika ta' dak li hu "ta' ġewwa" u dak li hu "barrani" hija kumplessa:
- għax jiġu waqtiet meta t-tfal li ma jafux bil-Malti aktarx iħossuhom maqtugħin mill-ambjent li jgħixu fih.

# Għaliex? Jedd il-Lsien Malti

Għalkemm din l-istrofa tgħodd għal bosta Maltin, għal oħrajn dan ma jgħoddx:

U kiber miegħek dak il-lsien ewlieni,
u ġmielu ntiseġ mal-ġrajjiet ta’ ħajtek:
bih fissirt qalbek meta sfajtli hieni,
bih fissirt għommtok meta mbikki rajtek.

# Għaliex? Jedd il-Lsien Malti

- U dan jinħass l-iżjed fiż-żewġ versi bl-anafora "bih fissirt":
  bih fissirt qalbek meta sfajtli hieni,
  bih fissirt għommtok meta mbikki rajtek.
- Dan għalija hu l-vers li jispikka fil-poeżija, minħabba s-sens ta' tradiment u t-tqegħid kontra xulxin tal-verb "tbarri" u "ta' ġewwa": "iżda le tbarri lil min hu ta' ġewwa."

# Titlef għaqlek wara lsien barrani

- It-tieni vers tal-poeżija, li fih Dun Karm jixli lil uħud mill-Maltin li qed jitilfu għaqalhom wara lsien barrani, huwa wkoll parti mid-dinamika nazzjonalista tal-viżjoni poetika tiegħu ta' Malta:
- biex jistabbilixxi "identità Maltija," irid isawwar ukoll dak li mhuwiex Malti, realtà kulturali "barranija" li f'kuntrast magħha jispikka dak li hu "Malti sewwa."

Mill-bijografija ta' Dun Karm miktuba minn Ġużè Cardona (110).

Dan il-ktejjeb jiftaħ b'dedika lil dik li tant iħobb:

LIL OMMI
BĦALA XHIEDA
TA' QIMA U TA' MĦABBA
TALLI
FIS-SAHRA TAL-LEJLIET XITWIJA
BIT-TAĦDIT
LI CHIENET TAQBAD MIEGĦI
BIL-ĦREJJEF
LI CHIENET TGĦIDLI
GĦALLMITNI
IL-QAWWA IL-ĠMIEL U L-ĦEFFA
TA' L-ILSIEN MALTI

# **Univers leħor** (1930)

*Pronostku Malti* (1930)

## Univers leħor

- Jekk għal Dun Karm l-endekasillabu huwa l-vers serju tat-tradizzjoni, vers rispettabbli li jħaddmuh il-poeti l-kbar,
- u l-ottonarju huwa l-vers popolari tal-għanjiet u l-innijiet,
- is-sunett huwa espressjoni ta’ liriċità intensa, bir-rassa tal-ħsibijiet u l-emozzjonijiet, forsi l-aqwa espressjoni tal-ħiliet tal-poeti Romantiċi Maltin.

# Univers leħor

- Għalija din il-poeżija hija rappreżentazzjoni tal-familja poetika ideali ta' Dun Karm:
- **it-tarbija unika** li għandha l-attenzjoni tal-ġenituri kollha fuqha,
- **l-omm bijoloġika**, **Alla bħala l-missier**
- u **d-dar tal-familja** (bl-omm fil-qalba tagħha) fiċ-ċentru ta' kollox.

# Univers leħor

- Dan huwa l-univers ideali li dejjem ifittex u jixxennaq għalih Dun Karm.
- Jekk hemm poeżija minn dawn id-disgħa li nistgħu nqisuha bħala s-sies tad-dinja poetika ta’ Dun Karm, naħseb li hija din,
- “Univers Ieħor” ideali li joffri “dar kennija” li tipproteġi lir-raġel-tifel-tarbija mill-perikli fiżiċi u mentali kontinwi li tippreżenta l-ħajja.

# Univers leħor

- L-**univers** huwa kbir, **infinit**; lanqas ħjiel m’għandna ta’ kemm huwa kbir.
- Imma **dan l-univers** ta’ Dun Karm huwa **ċkejken**, saħansitra iżgħar minn dar;
- huwa **l-ispazju ċkejken ta’ omm**, **l-ispazju intimu li tokkupa tarbija mqabbda** ma’ sider **ommha għajjura**.

# Univers ideali?

- **Ideali** din il-**familja** ta' Dun Karm: Alla bħala l-missier, l-omm bijoloġika u t-tarbija tagħha mqabbda magħha.
- Imma l-**missier lanqas jinsab** fi ħdan id-"dar kennija"
- qed josserva **mill-bogħod**: "Alla jixref u jidħak lit-tarbija."
- Jittrażmetti t-tjubija u l-ħlewwa, mhux bħall-**missier riġidu u strett** ta' ħafna mil-letteratura Maltija, imma mill-bogħod.

# L-omm għajjura

- il-poeta-tarbija tal-idejn, għax medhija biss b'ommha, aktarx lanqas taf bil-missier li qed jissorvelja u jgħasses mill-għoli.
- "'L ommha biss taf, hemm l-univers jinġabar."
- Jiġifieri dan huwa **univers** mhux għax huwa kbir imma **għax fih kollox**, dak kollu li teħtieġ tarbija f'ħajjitha:

# Alla jidħak lit-tarbija

- **il-kenn tad-dar** (jiġifieri **tal-omm**) mir-"regħba," min-niket u d-diżappunti ("dmugħ") tal-ħajja.
- Il-**vers kruċjali** ta' dan is-sunett **suppost** huwa l-aħħar vers, b'"Alla jixref u jidħak lit-tarbija,"

# l-univers ta' tjieba u dija

- imma **l-protagonista vera** għall-poeta-tarbija huwa "l-univers ta' tjieba u dija / Li jiddi ħelu fuq il-wiċċ ta' mara," ta' **ommu**.
- Li kienet teżisti hi biss għall-poeta-tarbija kien ikun biżżejjed.

# Żagħżugħ ta' Dejjem (1933)

1933 - *Il-Malti* (Ġunju 1933), miktuba 13-14.4.1933

# Parentesi bijografika

"**Żagħżugħ ta' Dejjem**" *Il-Malti* (Ġunju 1933), miktuba fit-13 u l-14 ta' April 1933

"**Il-Ġerrejja u Jien**," *Il-Malti*, Sett. 1933, miktuba bejn is-16 u t-18 ta' Ġunju 1933

Fil-25 ta' Settembru **1933** Dun Karm kiteb lil Ġużè Aquilina:

## Parentesi bijografika

“Ftakart fi żmien [**1910**] meta **nies bla qalb u bla għaqal**, **mimlijin bihom infushom u bil-għira**, u nies oħra li kien imisshom fehmu xi ftit aħjar il-missjoni tagħhom, ġiebu taqlib u ħsara, u **sibt ruħi waħdi, mingħajr omm**, li kienet metitli ftit qabel [1909], **imbiegħed minn ħuti u minn ħbiebi**, **midfun ħaj** fi tliet kmajriet fil-Belt [1910-36]

## Parentesi bijografika

fejn **ma kont naf lil ħadd u ħadd ma kien jafni**, u ma kellix **sieħeb tan-niket tiegħi** għajr daqsxejn ta' **għasfur lelluxi** li kien ifarraġni xi ftit **bil-għanja li jien kont għallimtu**. Din kienet **it-tieni darba** li sibt ruħi f'xifer il-qabar, u kont naqa' fih kieku ma kellix id-dgħif iebes, in-nervi tal-azzar u l-qalb qawwija li **ommi u missieri, nies qodma u tas-saħħa**, kienu tawni."

## Parentesi bijografika

- Fl-**1895** Dun Karm beda jgħallem is-Seminarju tal-Furjana u aktar tard tal-Imdina (Friggieri, *Dun Karm: Il-Bniedem* 35).
- F'dan iż-żmien beda jġarrab **għeja nevrastenika** li ġietu minn studju żejjed.
- Fl-ittra lil Ġużè Aquilina ta' Settembru tal-1933, Dun Karm fisser b'diqa kbira din il-kriżi.

## Parentesi bijografika

Friggieri jgħid li kemm in-nofs u kemm l-għeluq ta' "Il-Ġerrejja u Jien" huma "forsi l-iżjed suwed tal-kitba tiegħu kollha." Ftakart, jikteb Dun Karm, "fl-attakk qawwi ta' nevrastenija li ġieni wara, frotta mqita u qarsa bla tarf tal-ħidma bla għaqal u bla rażan fuq il-kotba fl-aħħar snin tal-kors tiegħi: marda qalila li wasslitni f'xifer il-qabar u żammitni hemmhekk, inżomm u ma nżommx, għal bosta xhur.

# Parentesi bijografika

Ftakart fil-fejqan; fl-ewwel jiem li bdiet tissaħħaħ fija l-mewġa tad-demm, li bdiet tidħakli t-tama ta' ħajja ġdida; fil-ħeġġa u fil-qlubija tax-xogħol ġo kamarti fis-Seminarju fejn fl-1895 kienu sejħuli biex ngħallem, u fil-ħlewwa tal-poeżija li bħala fawwara kienet toħroġ minn qalbi bla ma tehda qatt" (Friggieri, *Dun Karm: Il-Bniedem* 36).

# Parentesi bijografika

Meta kiteb il-poeżija tiegħu bit-Taljan "Risveglio" (1902), li tfisser qawmien mill-ġdid, xandar nota li tgħid li l-poeżija kitibha wara li ħareġ minn "**attakk ta' nevrastenija**" u "**sens profond ta' malinkonija**" li minħabba fih kien jagħmel **sigħat sħaħ jibki, bla ma jaf għalfejn** (Friggieri, *Dun Karm: Il-Bniedem* 36).

# Nevrastenija

**Marda** ġejja minn **dubbulizza**, ġeneralment kbira, tan-**nervi tal-ġisem**, li ġġib magħha tbaxxija ġenerali tat-ton fil-ħajja normali, speċjalment tal-**moħħ**; fjakkizza tan-nervi li tista' ġġib ukoll **dwejjaq** bħall-insonja u d-dispepsja (marda li tiġi minn tbatija fl-istonku biex isajjar u jmexxi l-ikel; diġestjoni għażżiena jew ħażina; tiġrigħ għajjien tal-ikel fiż-żaqq) (ESI).

# l-ewwel darba li dehret

## ŻAGĦŻUGĦ TA' DEJJEM

Nistħajjel għadhom fuqi
dawk ix-xmux li bisuni fit-tfulija,
u nħoss taż-żmien is-sikka
tħarbex fuq ġbini r-radda tax-xjuħija:

tifrex dlielha l-balluta,
dliel sfieq u ħodor bħal ma kienu darba,
meta tfajjel fuq ruħi
kont għar-raba' mid-dar naħrab xi ħarba,

iżda t-tiflil tal-qoxra
fuq zokk li jdur xi żewġt iqjiem jew tlieta,
jgħid storja ta' xjuħija
bħal ma kellhom fiż-żmien ommha w-nannietha:

sa fuq l-iebes taż-żonqor
li jsewwed taħt is-silġ ta' l-Alpi, l-lima
tgħaddi tas-snin u tħalli
il-barxa li turik kemm hi qadima;

fuq wiċċek biss, ja Baħar,
żagħżugħ ta' dejjem, jgħaddu s-snin bil-mija,
bl-eluf u bl-għaxart elef,
u qatt ma jonqxu l-għelma tax-xjuħija:

fik il-milja tal-ħajja;
qalbek tħabbat bla ħeda w-sidrek magħha
jofrogħ u jimla, u tgħoddlok
il-mewġa fuq ix-xtut it-taħbit tagħha,

u bħal wieħed li ġarrab
il-ħakma ta' l-imħabba, int 'l-Art ħanina
tħaddan u tbus u tkellem,
u l-kelma li tgħidilha, hi safja w-bnina!

Iżda meta ta' saħtek
jogħġbok il-kotra b'xi taqliba tfisser,
u nara 'l-sidrek jikber,
u l-ħalel bojod fuq il-blat titkisser,

jaqbadni l-biża', u nibki
narak taqbad l-iġfien u tilgħab bihom,
bla xejn ma taħseb, kiefer!
fid-dmugħ ta' l-imsejknin li hemm ġo fihom.

Imma togħġobni, nħobbok,
ja Baħar, meta tfajjel mingħajr dnewwa,
tinxeħet fuq ir-ramel
ta' xtajta w-kollok ċajt u kollok ħlewwa

tilgħab b'werqa ta' l-alka,
jew b'sebgħek tinbex xi bebbux fil-bejta,
u tħaxwex dik il-għanja
li tgħallimtha fil-bidu w-qatt ma nsejtha.

13-14 –4–33

Dun Karm

# Żagħżugħ ta' Dejjem

- Għalija "Żagħżugħ ta' Dejjem" hija, l-ewwel u qabel kollox, poeżija dwar it-taqbida tal-bnedmin kontra l-ħakma taż-żmien fuqhom.
- Hija wkoll poeżija dwar it-tfulija, dwar il-baħar u t-tbaħħir, dwar iċ-ċokon tal-bnedmin, dwar l-imħabba,

# Żagħżugħ ta' Dejjem

- imma primarjament hija poeżija dwar iż-żmien u l-kapriċċi tiegħu, jew aħjar dwar il-ħajja u l-kapriċċi tagħha li l-bnedmin huma benefiċjarji jew vittmi tagħhom.
- Din poeżija mill-isbaħ u tista' taqbadha minn fejn trid.
- Kull vers, kull xbieha, kull strofa, kull teknika retorika.
- Il-versi huma mħalltin b'mod mhux tas-soltu għal Dun Karm, alternanza bejn settenarji u endekasillabi.

# Żagħżugħ ta' Dejjem

- Din hija waħda mill-iktar poeżiji kompluti ta' Dun Karm,
- u tinħass sew id-differenza bejn poeżija bi stil u żvilupp matur bħal "Żagħżugħ ta' Dejjem"
- u l-ewwel poeżiji li kiteb bil-Malti wara l-1912 u li wħud minnhom jinsabu f'dan is-sillabu, bħal "Waħdi," li tixbahha fil-preokkupazzjoni li tesprimi.

# Żagħżugħ ta' Dejjem

- Oliver Friggieri u oħrajn kitbu ħafna fuqha, u tridu taqraw dawn il-kitbiet għax joffru perspettivi u enfasi differenti li huma xhieda tal-polivalenza tagħha, id-dimensjonijiet u l-funzjonijiet varji.
- Tistgħu tikkonċentraw fuq it-ton u l-mod kif jinbidel matul il-poeżija, jew fuq il-lingwaġġ figurattiv, ngħidu aħna s-similitudnijiet u l-metafori.

# Żagħżugħ ta’ Dejjem

- Poeżija hija **kitba mhux tas-soltu**, li tikser ir-regoli tal-kitba u l-komunikazzjoni normali, li toħloq **il-loġika stramba tagħha**.
- **Tippruvawx tirrenduha spjegabbli**, qisha riflessjoni filosofika, djarju, awtobijografija, storja, kumment, messaġġ, talba, qrara, kumment personali, jew kumment soċjali.

## Żagħżugħ ta' Dejjem

- Il-poeżija għandha minn dawn l-elementi kollha, imma mhi **ebda wieħed minnhom waħdu**.
- Poeżija hija kitba stramba li **taġixxi fuq livelli differenti** fl-istess ħin.
- F'poeżija bniedem jista' jindirizza lill-baħar qisu qed ikellem lil persuna li qiegħda maġenbu.

# Żagħżugħ ta' Dejjem

- Poeżija hija **ħoss** u **mużikalità** daqskemm hija tifsir – jew mhux **iżjed**.
- Poeżija hija xbihat, **xbihat li jitkellmu iżjed mill-kliem**, **emozzjonijiet**, **impressjonijiet** u **assoċjazzjonijiet**, iktar milli tifsiriet u spjegazzjonijiet.

# Żagħżugħ ta' Dejjem

Jien nixtieq naqbad din il-poeżija mill-isbaħ minn din l-istrofa, il-ħames waħda, fil-parti ċentrali tal-poeżija.

fuq wiċċek biss, ja Baħar,
żagħżugħ ta’ dejjem, jgħaddu s-snin bil-mija,
bl-eluf u bl-għaxart elef,
u qatt ma jonqxu l-għelma tax-xjuħija

# bil-mija, bl-eluf u bl-għaxart elef

Mhix loġika din is-sekwenza:

jgħaddu s-snin bil-mija,
bl-eluf u bl-għaxart elef

Għax il-loġika tagħha hija dik tal-poeżija, jiġifieri tal-effett retoriku: tal-ħoss, tar-ritmu, tal-mużikalità, u l-bqija.

# Żagħżugħ ta' Dejjem

- M'għandniex iċ-ċans illum nitkellmu biss fuq din il-poeżija, għalhekk dawn huma riflessjonijiet ġenerali.
- Il-poeta qed jindirizza lill-Baħar bħala "żagħżugħ ta' dejjem," dak li ż-żmien m'għandux ħakma fuqu, ma jistax jagħmel bih li jrid.
- Il-bnedmin, għall-kuntrarju, m'għandhom ebda kontroll fuq iż-żmien:

## Żagħżugħ ta' Dejjem

- la jistgħu jrażżnu x-xjuħija
- u lanqas ma jistgħu jikkontrollaw dak li ż-żmien, jiġifieri l-ħajja, iġegħelhom jgħaddu minnu.
- Ma nistgħux nikkontrollaw il-perikli, il-mard, il-fallimenti, it-telfiet li nġarrbu, u t-telfa l-kbira tal-aħħar, il-mewt.

## Żagħżugħ ta' Dejjem

- Fil-verità, nafu li bil-kriżijiet ambjentali kbar li qed tiffaċċja l-pjaneta tagħna minħabba l-egoiżmu tal-bnedmin, **il-baħar jista' jimrad** u saħansitra **jmut**, u aktarx hemm ibħra li qed imutu.
- Dun Karm **jagħżel li jara** "l-Baħar" bil-mod tiegħu: għalhekk mhuwiex il-baħar ta' veru, imma huwa baħar metaforiku, metafora ta' ħajja mhux mimsusa mit-tbatija u l-mewt.

# Żagħżugħ ta' Dejjem

- Għajr għall-fatt li l-**baħar isaħħru**, il-punt ta' Dun Karm huwa iktar dwar **id-dgħufija**, **il-fraġilità kbira** tagħna l-bnedmin, milli dwar il-baħar.
- Din hija poeżija dwar **il-biża'** (id-9 strofa) tal-poeta u tal-bnedmin inġenerali mill-**kefrija tal-ħajja**.
- Il-baħar "kiefer" li jaqbad "l-iġfien" u jilgħab bihom, hu l-ħajja li **tagħmel bina dak li trid**, u **aħna ma nistgħux għaliha**.

# Imbagħad hemm it-tmiem stupend

Imma togħġobni, ’nħobbok,
ja Baħar, meta tfajjel mingħajr dnewwa,
tinxeħet fuq ir-ramel
ta’ xtajta w kollok ċajt u kollok ħlewwa
tilgħab b’werqa tal-alka,
jew b’sebgħek tinbex xi bebbux fil-bejta,
u tħaxwex dik il-għanja
li tgħallimtha fil-bidu w qatt ma nsejtha.

## il-għanja li qatt ma nsejtha

- X'inhi "l-għanja / li tgħallimtha fil-bidu w qatt ma nsejtha" li qed jirreferi għaliha Dun Karm?
- Din metafora oħra li Dun Karm jitfagħhielna fl-aħħar nett ta' poeżija kollha metafori u li ma nkunux qed nistennewha.
- Hawn jidher sew kemm **il-poeżija għandha alla għaliha**, kemm **tagħmel l-affarijiet kif jidhrilha hi**, u kemm ma nistgħux nittrattawha bħal kull kitba oħra, għax tonsobna.

# il-għanja li qatt ma nsejtha

**Għalija** din "il-għanja" hija ħafna affarijiet **f'salt**:

- l-għanja hija l-ħoss saħħari tal-baħar,
- is-sigriet tal-ħajja ta' dejjem li hemm fil-Baħar ta' Dun Karm,
- il-għanja tal-ħajja,
- il-għanja tat-tfulija,
- il-wens tal-mumenti sbieħ tal-ħajja li jżommna għaddejjin meta jiġu l-ħafna "kefrijiet" tal-ħajja...

# **Waħdi** (1914)

1914 - Poeżija ddedikata lil Ġużè Muscat Azzopardi (*Il-Ħabib* 14/7/1914) bħala tweġiba lill-ħabib tiegħu li kien iddedika l-poeżija tiegħu "Waħdi" lil Dun Karm (*Il-Ħabib* 7/7/1914)

# Waħdi

- Ma mxejt ma' ebda loġika partikulari fis-sekwenza li biha ppreżentajt dawn id-disa' poeżiji ta' Dun Karm.
- Nissuspetta li din hija waħda mill-iktar poeżiji li l-adolexxenti u ż-żgħażagħ **jistgħu jidentifikaw ruħhom magħha**.
- Din il-poeżija nistgħu nqisuha bħala l-materja prima għal "Żagħżugħ ta' Dejjem," tħejjija għaliha, qisha **preludju**.

## Waħdi

- Hawnhekk Dun Karm juża d-dekasillabu u joħloq ritmu mexxej, melodija identifikabbli.
- Innutaw kemm juża l-anafora, teknika letterarja effettiva imma kultant pjuttost prevedibbli.
- Innutaw ukoll teknika stilistika oħra stabbilita sew, it-tripletta retorika, u l-enerġija u l-ferħ li tiġġenera: “nittarraf, nixxabbat, niġġerra.”

# Waħdi

- Fil-poeżija l-poeta jinsab "fuq xifer ta' blata" imma tieħu l-impressjoni li kien qed iħossu fit-tarf tal-blat sod tal-paċi ġewwiena tiegħu.
- Din hija xbieha differenti sew minn dik li se naraw aktar tard tat-tifel "bit-tajra fuq xifer ta' bejt."

## Waħdi

- F’din il-poeżija hemm iċ-**ċentralità tal-figura ta’ ommu**, li rajnieha wkoll f^“Univers Ieħor;”
- il-kuntrast bejn **l-interpretazzjoni Romantika** tat-tfulija bħala ħielsa mill-ħsibijiet u l-inkwiet;
- il-kuntatt ħieles man-natura u l-maġija tagħha;
- is-sens ta’ avventura;
- il-ħbiberiji;

# Waħdi

- Nafu mill-esperjenza personali tagħna u mill-esperjenza ta' ħaddieħor li mhux vera dak li jgħid Dun Karm fuq it-tfulija.
- Huwa ċar li Dun Karm qed jagħżel li jirromantiċizza u jidealizza t-tfulija tiegħu.
- Forsi t-tfulija tiegħu kienet perfetta, kif tixhed l-insistenza fuq "kollox"? Niddubita.

# Waħdi

Ġera ħsiebi lejn hena tfuliti,
Iż-żmien ħelu tal-ħajja bla ħsieb,
Meta kollox hu safi mill-ħtija,
Meta kollox ma' qalbna jinġieb.

# Waħdi

- Għandna ħabta nirromantiċizzaw it-tfulija tagħna lkoll kemm aħna, jew ħafna minna,
- speċjalment meta rridu nqabblu, issa li kbirna u moħħna mgħobbi b'ħafna ħsibijiet, mal-preżent diffiċli.
- It-tmiem jistrieħ, fost l-oħrajn, fuq l-ironija drammatika tas-solitudni tal-bniedem taħt sema li jsaħħrek: "Sibtni waħdi fuq xifer il-blat."

# Waħdi

- Dan huwa **ritorn malinkoniku lejn il-kefrija tal-bidu**.
- Bħal fil-poeżija "Żagħżugħ ta' Dejjem," il-poeta ma jippruvax jikkonvinċina li l-fidi se tkeċċi n-niket, id-diżappunti, u l-biżgħat tas-solitudni.
- Hija l-**umanità fraġli**, **vulnerabbli**, li tibqa'.
- U **m'hemmx spjegazzjonijiet jew saħansitra soluzzjonijiet maġiċi**.

# Friggieri dwar "Waħdi"

"'Waħdi,' tifkira mnikkta u solitarja tal-1914, hi rikostruzzjoni tal-ħajja miġbura u magħquda tal-familja, u hu l-ambjent solitarju tal-baħar li jqanqal it-tifkiriet. Il-poeta 'fuq xifer ta' blata' jpinġi l-ħajja mgħoddija, jitniehed iż-żmien li għadda, jibki u jerġa' jintebaħ li issa li kiber hu l-baħar li qiegħed ifakkru kontinwament li jinsab waħdu:

# Friggieri dwar "Waħdi"

'Sibtni waħdi fuq xifer il-blat.' Hu l-baħar li jreġġgħu lura lejn l-epoka primordjali u hu wkoll il-baħar li jiffiguralu d-diqa tal-preżent" (Friggieri, *Dun Karm: Il-Bniedem* 24).



# **Lill-Kanarin** (1939)

1939 - Imnebbħa minn kanarin, jgħid Dun Karm, "li wasalli mingħand ħabib għażiż fit-3 ta' Diċembru 1937" (*Il-Malti*, Diċembru 1938).

Il-poeżija nkitbet fis-6 ta' Diċembru 1939.

# Lill-Kanarin

- Naħseb li din hija l-iktar poeżija minn fost dawn id-disgħa li għandha t-tqassim sintattiku u mir-ritmu tal-proża.
- Iktar qisha sekwenza ta’ sentenzi milli sensiela ta’ versi.

  Jiena naf: għalija int messaggier ta’ ħsieb li jifhem sewwa, ta’ qalb imwieżna fit-taħbita tagħha, li qatt ma tibki barra u tidħak ġewwa, u lil għajrha tixtieq l-hena tas-saħħa.

# Lill-Kanarin

- Fit-titlu l-poeta jindirizza lill-kanarin imma din il-poeżija-dedika ftit li xejn hija dwar il-kanarini.
- Jekk xejn, Dun Karm qed jinterpreta l-ħajja tal-kanarin kif jaraha hu bħala bniedem.
- Fl-aħħar mill-aħħar iktar jixtieq jitkellem fuq l-esperjenza tiegħu (fl-1937-38): "Fis-sikta / tad-dar fejn waħdi qiegħed ngħaddi żmieni."

# Lill-Kanarin

- Araw mill-ġdid it-tripletta retorika li tesprimi l-enerġija u l-ġmiel tal-kanarin: "Fil-għanja tiegħek safja, imżewqa, sħiħa."
- Għalija l-aġġettiv "sħiħa" jispikka, forsi għax narah imprevedibbli:
- il-poeta jħoss ħajtu vojta (għalhekk id-diwi "mal-ħitan tal-kamra tiegħi," li qisha ċella), waqt li l-għanja tal-għasfur ċkejken mhix biss mimlija imma "sħiħa."

# L-għażliet stilistiċi ta' Dun Karm

- Minn dawn il-ftit riflessjonijiet nistgħu nisiltu sensiela ta' ħsibijiet u esperjenzi li Dun Karm għandu ħabta jiffoka fuqhom, u strateġiji retoriċi li jinqeda bihom biex iwassalhom.
- L-importanti li qatt ma ninsew il-polivalenza mitwielda fil-poeżija, fin-natura nfisha tagħha.

# L-għażliet tematiċi u stilistiċi

- Bħal ħafna minna, ta' kull età, Dun Karm jinkwieta fuq il-kefrija tal-ħajja, fuq is-solitudni, fuq kif u fejn isib l-imħabba, fuq kif jista' jikseb il-kuntentizza,
- u jaħseb fuq it-tfulija tiegħu, fuq il-persuni li jħobb, fuq il-maġija tan-natura, fuq l-ordni fil-ħajja tal-bnedmin, fuq l-enerġija tal-ħolqien, fuq l-ironiji tal-ħajja ...

## L-għażliet stilistiċi ta' Dun Karm

- F'dawn id-disa' poeżiji rajna, fost l-oħrajn, l-użu kontinwu ta' tekniki u strateġija **bħall**-apostrofi, l-anafora, ir-rima, l-alliterazzjoni, it-tripletta retorika, il-versi regolari tal-metrika u kultant it-taħlit bejniethom, is-similitudnijiet u l-metafori fundamentali tiegħu, tonijiet differenti, u l-enjambment. Kull waħda minnhom irridu nesploraw l-effetti tagħha fuq il-poeżija individwali u fuq l-opra ta' Dun Karm b'mod ġenerali.

# Referenzi

*Hemm għadd kbir ta' studji dwar il-ħajja, il-poeżija u l-proża ta' Dun Karm li tistgħu tikkonsultaw. Minħabba l-ħin tal-preżentazzjoni tiegħi kien limitat, jien użajt dawn.*


Cardona, Ġużè, *Dun Karm. Ħajtu u Ħidmietu*. KKM, 1972.

Dun Karm, *Il-Poeżiji Miġbura*. Ed. Oliver Friggieri. KKM u Karmen Mikallef Buħaġar, 1980.




# Referenzi

Friggieri, Oliver. *Il-Ġbir tal-Poeżiji Kollha bit-Taljan u bil-Malti ta' Dun Karm: Riċerka ta' Ħamsa u Tletin Sena*. APS Bank, 2011.

---. *Dizzjunarju ta' Termini Letterarji*. It-tielet edizzjoni. KKM, 2010.

---. *Dun Karm*. Toni Cortis, 1989.

---. *Dun Karm: Il-Bniedem fil-Poeta* (KKM 1980)

Grima, Adrian. *"Minn Kull Xorta ta' Qżież." Dun Karm u l-Konfini tal-Identità fil-Mument tal-Metafora*. Dipartiment tal-Malti, L-Università ta' Malta, 2011.



Il-ħidma t-tajba lill-għalliema kollha.